Il-formoli tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fl-istess Awtorità f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar għall-ħlas ta' Lm50.00.

It-8 ta' Ottubru, 2004

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box marked "A" at the office of the Malta Transport Authority, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 26th October, 2004, for:-

Advt. No. 1027/CSD/2004/01. Supply and delivery of wheel load scales.

Forms of tender documents may be obtained from the Corporate Services Directorate of the same Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

8th October, 2004

DIPARTIMENT TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD

Il-Kummissarju tad-Dipartiment tal-VAT jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Ottubru, 2004, fl-Uffiċċju tal-VAT f'Birkirkara jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista u konsenja ta' *500,000 mechanised auto mailing envelopes*.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-VAT, Sezzjoni Amministrazzjoni, *Centre Point Building,* Triq Ta' Paris, Birkirkara, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

It-8 ta' Ottubru, 2004

VALUE ADDED TAX DEPARTMENT

The Commissioner of VAT Department notifies that:-

Sealed tenders will be received at the VAT Department, Birkirkara, up to 10.00 a.m. on Friday, 22nd October, 2004, for the supply and delivery of 500,000 mechanised auto mailing envelopes.

Tenders should be made only on the prescribed forms which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable on application from the VAT Department, Administration Section, Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

8th October, 2004

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

Sa nhar it-Tlieta, is-26 ta' Ottubru, 2004, it-Taqsima tal-*Procurement* u Ftehim Speċjali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tilqa' offerti għal:–

Avviż Nru. AO/78/MAS/CS/04. *Structured cabling system for new LAN infrastructure for its fallback system LAN (MFS-LAN) and air traffic control LAN (ATC-LAN).*

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu sal-11 ta' Ottubru, 2004, minghand is-Sinjura C. Servaes, Taqsima tal-*Procurement* u Arranġamenti Speċjali, bl-indirizz elettroniku:

cathy.servaes@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.3214, fax ++32 2 729.9142,

u mill-*website* ta' l-Organizzazzjoni ta' l-*Eurocontrol*

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

It-8 ta' Ottubru, 2004

EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation:-

Up to Tuesday, 26th October, 2004, the Procurement and Special Agreements Section of the Eurocontrol Organisation receives offers for:–

Advt. No. AO/78/MAS/CS/04. Structured cabling system for new LAN infrastructure for its fallback system LAN (MFS-LAN) and air traffic control LAN (ATC-LAN).

Forms of tender and further information may be obtained up to the 11th October, 2004, from Mrs C. Servaes, Procurement and Special Agreements Section, e-mail address:

cathy.servaes@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.3214, fax ++32 2 729.9142,

and Eurocontrol Organisation's website

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

8th October, 2004

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

Sa nhar il-Ħamis, it-28 ta' Ottubru, 2004, it-Taqsima tal-*Procurement* u Ftehim Speċjali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tilqa' offerti għal:–

Avviż Nru. AO/77/CSP/EC/04. Provvista ta' *expertise in project management assistance and administrative support* għal Eurocontrol - CPD/CSPDU.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu sat-22 ta' Ottubru, 2004, mingħand Ms Eva Contreras Ynzenga, Taqsima tal-*Procurement* u Arranġamenti Speċjali, bl-indirizz elettroniku:

eva.contreras@eurocontrol.int, Tel. Nru. ++322 729.3727, *fax* ++32 2 729.9142,

u mill-*website* ta' l-Organizzazzjoni ta' l-*Eurocontrol*

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

It-8 ta' Ottubru, 2004

EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation:-

Up to Thursday, 28th October, 2004, the Procurement and Special Agreements Section of the Eurocontrol Organisation receives offers for:–

Advt. No. AO/77/CSP/EC/04. Provision of expertise in project management assistance and administrative support to the Eurocontrol - CPD/CSPDU.

Forms of tender and further information may be obtained up to the 22nd October, 2004, from Ms Eva Contreras Ynzenga, Procurement and Special Agreements Section, e-mail address:

eva.contreras@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.3727, fax ++32 2 729.9142,

and Eurocontrol Organisation's website

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

8th October, 2004

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-KOMUNIKAZZJONI

Id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Ottubru, 2004, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tat-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni u Riżorsi Umani fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 4/2004. Provvista ta' *mailing machine* għad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Ditti interessati jew individwi huma mitluba biex jikkuntatjaw id-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda (att. Ms Helen Sceberras Brownrigg) fuq in-numri tat-telefon 21246891/21247478 għal aktar dettalji.

It-8 ta' Ottubru, 2004

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

The Director Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, notifies that:–

Sealed tenders will be received in the tender box in the office of the Administration and Human Resources Section at the Department of Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to 10.00 a.m. of Friday, 29th October, 2004, for:-

Advt. No. 4/2004. Supply of a mailing machine to the Department of Corporate Services of the Ministry for Competitiveness and Communications.

Tender forms and further information may be obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Interested firms or individuals are requested to contact the Department of Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda (att. Ms Helen Sceberras Brownrigg) on telephone numbers 21246891/21247478 for futher details.

8th October, 2004

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-11 ta' Ottubru 2004, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 03/2004. Marki tat-toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 04/2004. Tindif u tisbiħ ta' żoni u toroq urbani, żoni u toroq mhux urbani u nħawi fil-beraħ li jinsabu fil-konfini tal-Kunsill Lokali Pembroke, liema offerta tinkludi:-

Parti A - Tindif, tneħħija u qtugħ ta' ħaxix f'*soft areas*

Parti B - Qtugħ ta' ħaxix, knis u tindif ta' żoni u toroq urbani

Parti Ċ - Qtugħ ta' ħaxix, knis u tindif ta' żoni u toroq mhux urbani

Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 06/2004. Ġbir ta' skart goff.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 07/2004. Kisi ta' triq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 01/2004. Tindif ta' l-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Kwot. Nru. 02/2004. Aperturi ta' l-injam.

Kwot. Nru. 03/2004. Tindif ta' sit f'Pembroke.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anki l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jikkunsidra pożittivament kuntratturi li joffru l-aħjar offerta għall-partijiet kollha tal-kuntratt riferenza 04/2004, għalkemm jirriserva d-dritt li l-kuntratt ma jingħatax kollu lill-kumpanija waħda iżda jinqasam bejn diversi kumpaniji.

It-8 ta' Ottubru, 2004

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Monday, 11th October, 2004, for:-

Advt. No. 03/2004. Road markings.

A fee of Lm20 should be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 04/2004. Cleaning and embellishment of urban, non urban and open areas within Pembroke boundaries, which tender includes:-

Part A - Cleaning, clearing and grass cutting soft areas

Part B - Weeding, sweeping and clearing urban roads

Part C - Weeding, sweeping and clearing non urban roads.

A fee of Lm50 shoud be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 06/2004. Collection of bulky refuse.

A fee of Lm20 should be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 07/2004. Road resurfacing.

A fee of Lm25 should be paid for every copy of tender document.

Quot. No. 01/2004. Cleaning of the Council's Administrative offices.

Quot. No. 02/2004. Timber apertures.

Quot. No. 03/2004. Clearing of site at Pembroke.

Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours. Tenders will be opened in public after the closing time stipulated. The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender or part there of, even the most advantageous.

Pembroke Local Council will consider favourable contractors who offer the best conditions for all parts of tender reference 04/2004, but reserves the right to award part thereof to different contractors.

8th October, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1366

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' Cementstone Manufacturing Company Limited ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 7 ta' Ottubru, 2004, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'degriet tal-25 ta' Frar, 2002 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-fond hawn taħt deskritt:-

1. Il-parti diviża tad-dar numru 69, Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara u l-parti diviża tal-garaxx anness magħha; liema parti diviża tad-dar u garaxx illum hija aċċessibbli minn bieb ieħor fl-istess triq immarkat 69A u stmata li tiswa Lm48,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Pasquale sive Baskal Giordmaina.

L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Lawrence Montebello fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-2 ta' Ottubru, 2002.

2. Il-fond 'Charldor', fi Triq Ġużè Borg, San Ġwann, mibnija fuq plot 109 fil-kontrada 'taż-Żwejt', fil-limiti ta' Birkirkara, stmat li jiswa Lm85,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Carmel sive Charles Giordmaina.

L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Lawrence Montebello fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-29 ta' Jannar, 2003.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-23 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 17th September, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on 17th June, 2004 on the application of Cementstone Manufacturing Company Limited; Thursday 7th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th February, 2002 to be held in the CORRIDOR OF THESE COURTS of the following property:-

1. The undivided part of tenement numbered 69, Għar il-Ġobon Street, Birkirkara and the undivided part of the adjacent garage; which undivided part of the said house and garage today are accessible from door number 69A, valued at Lm48,000.00c0.

The said property belongs to Pasquale sive Baskal Giordmaina.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Lawrence Montebello A&CE on the 2nd October, 2002.

2. Tenement known as 'Charldor', Ġużè Borg Street, San Ġwann, built on plot 109, in district known as 'taż-Żwejt' limits of Birkirkara, valued at Lm85,000.00c0.

The said property belongs to Carmel sive Charles Giordmaina.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Lawrence Montebello A&CE on the 29th January, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 23rd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1367

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Home Loans (Malta) Limited ġie iffissat il-jum tat- Tlieta 23 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Garaxx numru 2, formanti parti minn kumpless ta' bini bla numru magħruf bħala 'Binja Qlejja', l-Imtarfa limiti tar-Rabat, Malta, stmat li jiswa Lm4,500.00c0.

L-imsemmi fond hu propjetà ta' Rakban Hussam.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th June, 2004 on the application of HSBC Home Loans (Malta) Limited; Tuesday 23rd November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th May, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Garage numbered 2, forming part of an unnumbered complex of buildings known as 'Binja Qlejja', in Mtarfa limits of Rabat, Malta, valued at Lm4,500.00c0.

The said tenement is the property of Rakban Hussam.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on the 18th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1368

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-30 ta' Settembru, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2004 fuq rikors ta' Charles Camilleri pro. et. nomine ġie ffissat il-jum tal- Ħamis 14 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ IN LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tal-31 ta' Jannar, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetajiet hawn taħt deskritti.

Il-fond numri 117 u 119, Rue D'Argens, Imsida, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm3.00c0, stmat li jiswa Lm2,9524.00c0.

Il-garaxx numru 121, Rue D'Argens, Imsida, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.64c0, stmat li jiswa Lm12,335.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lill-kollejċitanti kollha msemmija fl-Atti.

N.B. L-imsemmija propjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. Renato La Ferla fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-3 ta' Lulju, 1997.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-4 ta' Ottubru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 30th September, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 31st May, 2004 on the application of Charles Camilleri pro. et. nomine; Thursday 14th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by judgement given on the 31st January, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement numbered 117 and 119, Rue D'Argens, Msida, being subject to the annual and perpetual ground rent of Lm3.00c0, valued at Lm29,524.00c0.

Garage numbered 121, Rue D'Argens, Msida, being subject to the annual and perpetual ground rent of Lm1.64c0, valued at Lm12,335.00c0.

The said property belongs to all the collicitators named in the same Acts.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Renato La Ferla A&CE on the 3rd July, 1997.

Registry of the Superior Courts, today the 4th day of October, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1369

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2004 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 18 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-28 ta' Frar, 2002 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament markat bin-numru 7, formanti parti minn blokk ta' flats jismu 'Regional Court', fi Triq il-Punent, l-Imsida, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.50c0, stmat li jiswa Lm42,000.00c0.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gordon u Cheryle miżżewġin Ogilvie.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-27 ta' Jannar, 2003.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-4 ta' Ottubru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 8th June, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 15th July, 2004 on the application of BANK OF VALLETTA PLC., Thursday 18th November, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 28th February, 2002 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Flat internally marked 7, forming part of a block of flats known as 'Regional Court', in Triq il-Punent, Msida, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm1.50c0, valued at Lm42,000.00c0.

The said property belongs to Gordon and Cheryle spouses Ogilvie.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on the 27th January, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 4th day of October, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1370

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2004 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tal-Mewt ta' Giovanni Zahra li jġib in-numru 2914 tas-sena 1925 fis-sens illi fil-kolonna intestata – "jekk għażeb/xebba/miżżewweġ/mizzewwġa/armel/armla", il-kliem – "marito di Teresa Gauci" jiġi kanċellat u sostitwit bil-kliem – "marito di Teresa Galea".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili
Illum, 5 ta' Settembru , 2004.

JOSEPH A. BORG
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 5th September, 2004, ordered the correction of the Act of Death of Giovanni Zahra bearing number 2914 of the year 1925 in the sense that in the column titled "Whether married or single, widow or widower" the words "marito di Teresa Gauci" be cancelled and substituted by the words "marito di Teresa Galea".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This, 5th September, 2004.

JOSEPH A. BORG
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

1371

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2003 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju, 2004, fuq rikors ta' ZERAFA LEONARD ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 21 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-30 ta' Lulju, 1999 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bla numru jismu 'Woobinda', Triq A. Caligari, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa Lm100,000.00c0.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' ZAMMIT JOSEPH.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-21 ta' Lulju 1999.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-4 ta' Ottubru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 3rd October, 2003 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on 10th June, 2004 on the application of ZERAFA LEONARD, Thursday 21st October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 30 July, 1999 to be held in the CORRIDORS OF THESE COURTS of the following property.

Unnumbered tenement known as 'Woobinda', A.Caligari Street, Żabbar valued at Lm100,000.00c0.

The said tenement is the property of ZAMMIT JOSEPH.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by Joseph Ellul Vincenti A & CE on the 21st July 1999.

Registry of the Superior Courts, today the 4th day of October, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1372

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Settembru 2004, in segwitu għar-rikors ta' l-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi, rikors numru 499/2004, ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet tar-Reverendu Monsinjur Amante Buontempo, bin il-mejtin Carmelo Buontempo u Vittoria Buontempo neè Ferro, imwieled l-Isla u miet Tas-Sliema, fil-21 ta' Ġunju 2004, ta' 83 sena, u li kellu karta ta' l-identità numru 610820(M).

Dan il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment għandhom isiru nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2004, fl-10.00 a.m., fl-Annexe tal-Qorti, fi 22, Triq id-Dejqa, Valletta, fejn din il-Qorti toqgħod bil-Ministeru tan-Nutar Dottor Edward Flores.

Reġistru tal-Qrati Ċivili, (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 5 ta' Ottubru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 24th September 2004, following an application of Advocate Dr Victor E. Ragonesi, application number 499/2004, ordered the opening and publication of the secret will of Reverend Monsignor Amante Buontempo, son of the late Carmelo Buontempo and Vittoria Buontempo neè Ferro, born in Senglea and died in Sliema, on the 21st June 2004, aged 83, and who had identity card number 610820(M).

The opening and publication of the secret will shall be held on Tuesday, 26th October 2004, at 10.00 a.m., in the Court Annexe, 22, Strait Street, Valletta, where the Court shall hold its sitting, by deed of Notary Dr Edward Flores.

Registry of the Civil Courts, (Voluntary Jurisdiction Section) today 5th October 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Settembru 2004, Ċitazzjoni numru 548/95 Alfred Fenech vs Michael Angelo Fenech pro et noe ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Ottubru 2003 Ċitazzjoni numru 548/95FD Alfred Fenech vs Michael Angelo Fenech f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Lub Oil Manufacturers Co. Ltd. minn Michael Angelo Fenech f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Lub Oil Manufacturers Co. Ltd, ir-rikorrenti espona bir-rispett;

1. Illi bl-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-20 ta' April 1995 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

'Premess illi l-attur u l-konvenut proprio huma diretturi tas-soċjetà konvenuta li hi l-lokatriċi tal-fond li jikkomprendi il-maħżen li qiegħed fit-triq magħrufa bħala 'ix-xewkija' fil-Kalkara li kien ġie mikri lilha mill-aġent Kummissarju ta' l-Artijiet permezz ta' skrittura datata 25 ta' Jannar 1988 (Government Tenement 66781);

.....Omissis.....

Premess illi, nonostante li l-konvenut proprio et nomine jew min minnhom ġie interpellat anke permezz ta' protest ġudizzjarju biex jirrintegra lill-attur fil-pussess u/jew fid-detenzjoni baqa' inadempjenti;

Talab għalhekk l-attur lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess;

(1) Tiddikjara jekk hemm bżonn li l-konvenut proprio et nomine jew min minnhom ikkometta spoll għad-dannu ta' l-attur;

(2) Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jew min minnhom biex fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din il-Qorti, jirrintegra lill-attur fil-pussess u/jew detenzjoni billi jagħmel dawk ix-xogħlijiet jew azzjonijiet kollha neċessarji illi jiġu ordnati mill-istess Qorti;

(3) Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel u jwettaq ix-xogħlijiet ordnati mill-Qorti b'dan illi l-ispejjeż relattivi jibqgħu a kariku tal-konvenut proprio et nominee jew min minnhom u pagabbli lill-istess attur;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju datat 9 ta' Marzu 1995, kontra l-konvenut proprio et nomine jew min minnhom;

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 27th September 2004, Writ of Summons number 548/95 Alfred Fenech vs Michael Angelo Fenech pro et noe ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal on the 23rd October 2003 Writ of Summons number 548/95FD Alfred Fenech vs Michael Angelo Fenech in his own name and in representation of LUB Oil Manufactures Co. Ltd. by Michael Angelo Fenech in his own name and in representation of Lub Oil Manufacturers Co. Ltd, the applicant pleaded with respect;

1. That by means of writ of summons filed on the 20th April 1995, in virtue of which the plaintiff saving the necessary declarations and opportune directives;

'Whereas the plaintiff and the defendant proprio are the directors of the defendant company which is the tenant of the premises which includes the store which is situated in the road known as 'ix-xewkija' in Kalkara which had been granted to it on lease by the Acting Commissioner of Land by means of a writing dated 25th January 1988 (Government Tenement 66781);

.....Omissis.....

Whereas that, notwithstanding that the defendant proprio et nomine or either of whom was called even by means of a judicial protest to reintegrate the plaintiff in the possession or the detention, but remained in default;

Thus the plaintiff asked the Honourable First Court so that in view of the premised;

(1) It be declared if necessary that the defendant proprio et nomine or either of whom committed a spoliation to the detriment of the plaintiff;

(2) Condemn the defendant proprio et nomine or either of whom so that within a short and peremptory period which this Court shall be pleased to fix, the plaintiff be reintegrated in the possession or detention by doing all those works or necessary actions that shall be ordered by the same Court;

(3) Failing which to authorize the plaintiff to carry out those works ordered by the Court and that the relative costs shall be at the charge of the defendant proprio et nomine or either of whom and payable to the same plaintiff;

With costs, including those of the judicial protest dated 9 March 1995 against the defendant proprio et nomine or either of whom;

B'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attur, senjatament għad-danni."

2. Illi l-konvenut proprio et nomine eċċepixxa:

(1) Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għax iċ-ċwievet li kellu f'idejh l-attur kienu bl-iskop li hu jeżerċita superviżjoni fuq ix-xogħol tal-kumpannija. Fil-25 ta' Ottubru 1994, l-attur ma baqax jidħol għax-xogħol u għadu ma jidħolx għax-xogħol sallum. Għalhekk peress li sadanittant kienu bdew jonqsu xi affarijiet mill-fond de quo, għar-raġunijiet ta' sikurezza kellhom jinbidlu ċ-ċwievet;

(2) Illi bħala Direttur tas-soċjetà konvenuta l-attur m'għandux awtomatikament dritt għaċ-ċwievet tal-maħżen u kieku ried li l-Bord tad-Diretturi investieh b'dan id-dritt seta' irrikorra quddiem il-Bord u ttieħed deċiżjoni dwar din il-pretensjoni tiegħu; Għalhekk il-kawża saret intempestivament;

(3) Illi in kwantu li l-azzjoni odjerna hi diretta kontra l-konvenut personalment din ukoll hi infondata billi hawn si tratta ta' proprjetà tas-soċjetà konvenuta li trid tiġi tutelata u mhux tal-konvenut Michael Angelo Fenech personalment u għalhekk hu għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(4) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi'.

Illi b'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2003 l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din il-kawża billi;

'taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel domanda u tiddikjara illi l-konvenut proprio et nomine ikkometta spoll għad-dannu ta' l-attur;

Tilqa' t-tieni domanda u tikkundanna lill-istess konvenut proprio et nomine biex żmien ħmistax il-jum jirrintegra lill-attur fil-pussess jew detenzjoni tal-maħżen 'ix-xewkija' fil-Kalkara billi jew jikkonsenjalu sett ċwievet riferibbilment għas-serratura u katnazz ġodda ta' l-istess fond jew jirripristinaw kollox fl-istess ante quo l-att spoljattiv;

Tilqa' ukoll it-tielet talba fil-każ ta' inadempjenza tal-konvenut proprio et nominee ma' din l-ordni u b'hekk tawtorizza lill-attur sabiex huwa stess, espirati l-ħmistax il-jum, jerġa' jqieghed is-serratura u l-katnazz ta' l-istess fond fl-istat li kien qabel l-att illeċitu konformi għas-sett ċwievet fil-pussess tiegħu.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jiġu sopportati mill-konvenut proprio et nomine.

4. Illi l-appellant proprio et nomine ħass ruħu aggravat bis-sentenza premessa u qiegħed għaldaqstant, bil-preżenti, jinterponi umli appell minnha.

Saving any action due to the plaintiff, especially that for damages."

2. That the defendant proprio et nomine pleaded:

(1) That the plaintiff claims are unfounded in fact and at law because the keys which were in his possession were intended so that he carries out supervision regarding the company's work. On the 25th October 1994, the plaintiff no longer attended work and does not attend work till this day. Thus whilst meanwhile certain objects from the premises de quo began to disappear, for security reasons the lock had to be changed;

(2) That as a Director of the defendant company the plaintiff does not have an automatic right to the keys of the store and if he wanted that the Board of Directors vest him with this right he could have applied to the Board and a decision taken regarding his claim; thus this cause was untimely filed;

(3) That as far as the present action is directed against the defendant personally this is also unfounded as here it is property of the defendant company which has to be protected and not of the defendant Michael Angelo Fenech personally and thus he should be freed from the observance of the judgment;

(4) Saving further pleas allowed by law'.

That in virtue of a judgment of the 3rd October 2003 the Honourable First Hall of the Civil Court decided this cause by;

'decides the cause by upholding the first demand and declare that the defendant proprio et nomine committed a spoliation to the detriment of the plaintiff;

Upholds the second demand and condemn the same defendant proprio et nomine so that within fifteen days he reintegrates the plaintiff in the possession or detention of the store ' ix-xewkija' in Kalkara either by delivering to him a set of keys refereably to the lock and new padlock of the same premises or restore everything to the same state before the act of spoliation;

To uphold the third demand and in case of default of the defendant proprio et nomine with this order to authorize the plaintiff so that he himself, on the expiration of the fifteen days, he puts back the lock and padlock of the same premises in the state in which it was before the illicit act according to the set of keys in his possession.

The costs of this procedure are to be at the charge of the defendant proprio et nomine.

4. That the appellant proprio et nomine felt aggrieved by the judgment premised and thus, by the present humbly files an appeal therefrom.

5. Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fissegwenti iżda qabel xejn huwa utli li wieħed jirrevedi sintetikament il-fatti li taw lok għall-vertenza. Il-fatti huma kif ġej:

.....Omissis.....

6. L-ewwel aggravju tirriduċi ruħha fil-premessa illi ma ġie kommess l-ebda att ta' spoll fil-konfront ta' l-attur. Dan prinċipalment għal tlett Raġunijiet u cioe;

a. Fl-ewwel lok għaliex l-azzjoni ta' spoll hi rimedju ta' ordni pubbliku intiża biex tipprevjeni t-teħid tal-liġi f'idejn il-privat;

Huwa paċifiku li l-azzjoni ta' spoll huwa rimedju ta' ordni pubbliku. F'dan il-każ , però l-konvenut pro et nomine ma ħax il-liġi f'idejh iżda ħa dawk il-passi li kienu raġjonevolment meħtieġa biex jissalvagwardja l-proprejtà tiegħu u tad-diversi kumpanniji wara li kien sar serq fil-fond mertu ta' din il-kawża.

.....Omissis.....

b. Fit-tieni lok għaliex ma jistax jingħad li l-attur ġie spussessat kontra l-volontà tiegħu;

Dwar dan il-punt l-esponent jirreferi għal dak minnu espost fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fl-atti ta' din il-kawża. Il-konvenut kien impjegat mal-kumpannija Nazzareno Fenech Limited u kien jagħmel xogħol għal diversi kumpanniji li l-aħwa għandhom bejniethom.

Fil-fatt hi l-umli sottomissjoni ta' l-appellant li l-att in kwistjoni ma setgħet qatt tkun kontra l-volonta ta' l-attur. Dan għaliex ir-relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenut proprio et nomine kienet tissoġetta lill-istess konvenut għad-deċiżjonijiet tal-prinċipali tiegħu. Dan jiswa kemm fil-każ ta' direttur u aktar fil-każ ta' impjegat ta' kumpannija. Dwar dan il-punt l-esponent già ssofferma ruħhu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

.....Omissis.....

Fit-tielet lok għaliex in-natura tal-pussess ta' l-istess attur huwa inċert wisq biex jiġi tutelat bl-azzjoni ta' spoll.

L-Attur bħala impjegat tal-kumpannija ġieli kien jiftaħ il-bieb għax drabi kien jasal qabel l-impjegati. Jidher li meta kien jidħol fil-fond dan kien jagħmlu in konnessjoni stretta mad-dmirijiet tiegħu bħala impjegat.

Il-pussess u/jew detenzjoni tal-fond kien jirrisjedi fid-diversi kumpanniji li kienu jagħmlu użu mill-fond in kwistjoni. Naturalment dan il-pussess seta jsir biss tramite l-id ta' l-impjegati, l-aġenti u d-diretturi. Dawn ta' l-aħħar ma kellhom l-ebda pussess jew detenzjoni indipendenti mill-pussess u/jew detenzjoni tal-kumpanniji in kwistjoni. Meta

5. That the grievances are clear and manifest and consist in the following but in the first place it is useful that one reviews chronically the facts which gave rise to this dispute. The facts are as follows:

.....Omissis.....

6. The first grievance reduces itself in the premise that no act of spoliation was committed against the plaintiff. This principally for three reasons and that is;

a. In the first place because the act of spoliation is a remedy of public interest intended to prevent the taking of the law in one's own hands;

It is pacific that an act of spoliation is a remedy of public interest. In this case, however the defendant pro et nominee did not take the law in his own hands but took those steps which were reasonably necessary to safeguard his property and of the various companies after theft had been committed in the premises in dispute.

.....Omissis.....

In the second place because it could not be stated that the plaintiff was dispossessed against his will;

Regarding this point the plaintiff refers to that put forward in the note of submissions filed in the acts of this cause. The defendant was employed with the company Nazzareno Fenech Limited and carried out work for various companies which the brothers hold between them.

In fact it is the humble submission of the appellant that the act in question could never have been against the will of the plaintiff. This because the relationship that the plaintiff had with the defendant proprio et nomine subjected the same defendant to the decisions of his principals. This applies both in the case of a director and the case of a company employee. Regarding this point the applicant already affirmed himself in his note of submissions.

.....Omissis.....

In the Third place because the nature of possession of the same plaintiff is very uncertain so that it be safeguarded with the action of spoliation.

The Plaintiff as an employee of the company sometimes opened the door because he arrived before the employees. It appears that when he entered the premises he did this strictly in connection with is duties as an employee.

Possession or detention of the premises was vested in the various companies which made use of the premises in question. Naturally this possession could only take place through the acts of the employees, the agents and directors. The latter had no possession or detention independent from the possession and/or detention of the companies in question.

impjegat ikollu f'idejh iċ-ċavetta tal-maħżen ma jfissirx li l-pussess jew detenzjoni tispostja ruħha fuq l-impjegat u din tibqa' radikata fil-kumpannija konċernata. Hija l-kumpannija li fil-fatt tkun qiegħda tipposjedi u dan il-pussess ma huwiex maqsum ma' l-impjegat li jżomm iċ-ċavetta.

.....Omissis.....

7. It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li fi qualsiasi każ jekk se mai l-attur ġie spoljat huwa ma ġiex spoljat mill-konvenut proprio et nomine.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li għall-ispoll kien jaħti l-konvenut personalment. Fil-fatt Michael Angelo Fenech personalment ma ħa l-ebda passi li bihom ġie spoljat l-attur.

Biex laħqet id-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti kkwotat dak li qal l-istess Michael Angelo Fenech fl-affidavit tiegħu, 'kien hemm anki raġuni oħra li minħabba fiha u fl-interess tal-kumpannija jiena ddeċidejt li m'għandux ikollu fil-pussess tiegħu ċ-ċavetta'. Però ma jagħmilx sens li frasi ta' l-affidavit tinqara kompletament barra mill-isfond ta' l-istess affidavit. Dan għaliex mill-affidavit stess jirriżulta li Michael Angelo Fenech dejjem aġixxa unikament bħala managing director.

Dan jirriżulta anke mill-aħħar paragrafu ta' l-affidavit 'jiena bħala managing director tal-kumpannija għandi d-dritt u d-dover li ma nagħtix ċwievet lil persuni li ma jkunux qed jaħdmu aktar mal-kumpannija'. B'dan l-esponent ried ifisser illi huwa dejjem aġixxa bħala direttur tal-kumpannija u ħa deċiżjonijiet in konformita mal-posizzjoni u doveri tiegħu ta' managing director.

.....Omissis.....

8. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, u filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi miġbura u sottomissjonijiet magħmula u filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi u jagħmel is-sottomissjonijiet kollha permissibbli f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeċiedi finalment din il-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant proprio et nomine, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

Notifika: Alfred Fenech , Mike House St. Catherine Street, Marsaxlokk.
St. Mary Farm, Wilġa Street, Marsaxlokk.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Superjuri) illum 1 ta' Ottubru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

When an employee has in his possession the key of the store it does not mean that possession or detention is shifted on to the employee and this still lies with the company concerned. It is the company which in fact is possessing and this possession is not shared with the employee who is holding the key.

.....Omissis.....

7. That the second grievance consists in the fact that in any case if the plaintiff was despoiled he was not despoiled by the defendant proprio et nomine.

That the applicant felt aggrieved by the decision of the Honourable First Court that for the spoliation the defendant personally was to blame. In fact Michael Angelo Fenech personally took no steps in virtue of which the plaintiff was despoiled.

In order to arrive at its decision the Honourable Court of First Instance quoted what was stated by the same Michael Angelo Fenech in his affidavit 'there was also another reason due to which and in the interest of the company I decided that he should not have in his possession the key'. However it does not make sense that a phrase of the affidavit be read completely out of context of the same affidavit. This because from the affidavit itself it results that Michael Angelo Fenech always acted only as a managing director.

This also results from the last paragraph of the affidavit ' I as a managing director of the company have the right and duty not to give keys to persons which are no longer employed with the company'. The applicant wanted to explain that he always acted as a director of the company and took decisions in conformity with his position and his duties as managing director.

.....Omissis.....

Thus, in view of the above and whilst making reference to the proof collected and submissions made and whilst reserving to bring forward the proof and make all the submissions permissible at this stage, asks with respect that this Honourable Court of Appeal cancels and revokes the judgment appealed and finally decides this cause by, whilst upholding the pleas of the appellant proprio et nomine, rejects the plaintiff's demands with costs against the plaintiff.

Notify: Alfred Fenech, Mikehouse, St. Catherine Street, Marsaxlokk.
St. Mary Farm, Wilġa Street, Marsaxlokk.

Registry of the Superior Courts (Superior Appeals) today 1st October 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*